GUDJA

Minuti tat-tlieta u ħamsin (53) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 19 t'Ottubru 2012 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace & Anthony Dalli |

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 50/6 (04 ta' Settembru 2012)
   51/6 (24 ta' Settembru 2012)
   52/6 (24 ta' Settembru 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet:-
   a. Quot/009/2012 – CCTV's around Gudja. Purchase or leasing of CCTV's cameras with easy accessible film and interconnectivity.
   b. Quot/010/2012 – Supply and delivery of water (bowzer)
   c. Quot/011/2012 – Repair and fix as necessary 10 aluminium notice boards around Gudja.
   d. Quot/012/2012 – Cleaning and clearing of various water culverts around Gudja.
   e. Quot/013/2012 – Supply and delivery of Concrete C20.

5. Xogħlijiet u Progress
   a. Triq San Pawl
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna
   c. Ġnien Raymond Caruana

6. Attivitajiet Milied 2012/2013

7. Residential Parking Scheme

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.50p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 50/6 (04 ta' Settembru 2012)**
**51/6 (24 ta' Settembru 2012)**
**52/6 (24 ta' Settembru 2012)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa u ġew meħuda bħala moqrija u approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti – 50/6 (04 ta' Settembru 2012).

1.2.1 Tema 2.1.7 Triq San Pawl. Is-Sur Dalli staqsa meta sejjer ikun lest dan ix-xogħol ta' bankini u asfaltar (resurfacing) ġewwa din it-triq. Is-Sindku wieġeb li wara l-problemi maħluqa peress li l-kuntrattur oriġinalment magħżul kien abbanduna x-xogħol, issa li l-Kunsill għadda x-xogħol għand kuntrattur ieħor u dan bl-istess prezz li kien ħadu x-xogħol CMG Ltd.

1.2.2 Tema 3.1.1. Siġar tal-ficus li jinsabu fuq in-naħa residenzjali ta' Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal li għalissa xi siġar tal-ficus tqatxtu iżda l-Perit tal-Kunsill għamel kuntatt ma' Transport Malta sabiex jiġi deċiż dwar l-aħjar mezz li tiġi rranġata din il-parti tat-triq.

1.2.3 Tema stemma uffiċċjali tal-Kunsill Lokali Il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li s-Sur Mario Gatt espert f'din il-materja għamel rapport li sejjer jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

1.3 Ma tqajjem l-ebda punt dwar il-minuti tal-laqgħat 51/6 u 52/6.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Kiri ta' van bi €350.00 fix-xahar. Is-Sindku qal li bis-saħħa ta' dan il-van sar xogħol ta' patching f'postijiet bħal Triq San Ġorġ u Triq Ħal Safi.

2.1.2 Xogħol ta' konkos fi Triq tal-fabbrika tan-nar qrib Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jagħmel dan ix-xogħol peress li l-Kunsill jixtri l-konkos u jqabbad lis-CMG għax-xogħol biss u bir-rata skond it-tender li is-CMG dwar xogħlijiet diversi li jista' ikollu bżonn il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir kif spjega s-Sindku.

2.1.3 Xogħol ta' konkos ieħor f'diversi toroq u nħawi fil-Gudja:- Triq Bur Ġlat, Triq tal-Lampat, parti mit-Triq ta' Loreto, Parti minn Vjal it-Torri (dik il-biċċa magħluqa fin-naħa t'isfel).

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru dawn ix-xogħlijiet kif indikati hawn fuq. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jikkonsidra dawn ix-xogħlijiet biċċa biċċa u skond il-prijorita kif jistgħu jippermettu l-finanzi tal-Kunsill.

2.1.4 Ħarġa għall-kulħadd. Is-Sindku qal li kien qed jippjana din il-ħarġa għal 15 ta' Novembru 2012. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sindku dwar din it-tema.

2.1.5 Sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ. Is-Sindku qal li din is-sleeping policeman qed tikkawża xi diffikulta. Saret diskussjoni u ġie deċiż li din is-sleeping policeman għandha tibqa iżda jistgħu ssiru aġġustamenti sabiex jitneħħew id-diffikultajiet li jistgħu jeżistu dwar din is-sleeping policeman.

2.1.6 Sleeping policeman fi Vjal it-Torri Gudja. Is-Sindku qal li diġa inqalgħet sleeping policeman fi Vjal it-Torru u s-sleeping policeman li fadal qed turi sinjali ta' djufija.

2.1.7 Sleeping policeman fi Triq Joseph Gravina Gudja. Is-Sindku qal li f'din it-triq tista titwaħħal dik l-istess sleeping policeman li nqalgħet mit-Triq San Pawl.

2.1.8 Parking bays fi Triq Joseph Gravina Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikseb l-għajnuna esperta tat-TM sabiex issiru l-parking bays kif ikun meħtieġ speċjalmetn kif kienu jeżistu oriġinalment.

2.1.9 Single yellow lines biswit Triq Filippu Castagna Gudja. Is-Sindku qal li kien hemm il-ħtieġa sabiex issir dan is-single yellow line quddiem din ir-residenza. Il-Kunsill qabel li jagħmel din it-talba lit-TM u wara jipproċedi kif ikun approvat mit-TM.

2.2 Viċi-Sindku

2.2.1 Urban Improvement Fund – UIF. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jiffirma dan il-kuntratt sabiex jassigura li l-fondi ta' €46000 ikunu għad-dispożizjoni tal-Kunsill. Is-Sur Baldacchino qal li wara li jiġi iffirmat dan il-kuntratt mal-MEPA, il-Perit tal-Kunsill għandu jgħin lill-Kunsill sabiex joħroġ it-tender dwar dan ix-xogħol kif ikun meħtieġ.

Is-Sur Baldacchino qal li malli jsiru dawn il-preparazzjonijiet il-Kunsill ikun jista' jibda jwettaq dan ix-xogħlijiet li jistgħu jitwettqu sa l-aħħar ta' Marzu 2013 jew fi żmien ieħor fil-qrib.

2.2.2 Karozzi abbandunati fi Triq Ħal Resqun il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill ghandu jaghmel rapport lill-ispettur taz-Zejtun sabiex jittiehdu passi dwar it-tnehhija ta' teltt vetturi li ilhom fuq il-post bl-licenzja skaduta u li mal-windscreen ghandhom diversi citazzjonijiet u sahansitra karozza minnhomilha hemm aktar minn sena u nofs.

2.2.3 Kors ta' Crafts fil-Life Long Learning Centre tal-Kunsill. Is-Sur Baldacchino qal li dan il-kors jikkonsisti fi tmien lezzjonijiet u li jiġi jiswa €200 (€25 għal kull lezzjoni). Is-Sur Baldacchino qal ukoll li jista' ikun il-każ li jkun hemm żewġ klassijiet u għalhekk l-ispiża tkun ta' €400.00.

Dawk li jattendu ser iħallsu kontribuzzjoni żgħira ta' €5.00. Il-Kunsill qabel u approva dak li qal is-Sur Baldacchino.

2.2.4 Kors tat-tpinġija fil-Life Long Learning Centre. Il-Viċi-Sindku qal li dan il-kors sejjer issir mill-Artist Nicholas Cassar għat-tfal li għandhom l-eta ta' bejn l-10 u l-15 sena. Sejjer ikun hemm 10 lezzjonijiet. Il-Kunsill sejjer jipprovdi starter pack u dawk li jattendu sejrin jħalsu kontribuzzjoni żgħira ta' €10.00 Il-Kunsill qabel u approva dak li qal is-Sur Baldacchino.

2.2.5 Xogħol ta' knies fit-toroq tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li ma kienx sodisfatt bix-xogħol tal-knies u għalhekk il-Kunsill għandu jibgħat ittra dwar dan lill-kuntrattur sabiex ikun hemm it-titjeb meħtieġ f'dan is-servizz.

2.3 Kunsilleri

2.3.1 Mark Anthony Sammut

a. Loading/unloading bays u ipparkjar aktar ordnat fi Vjal it-Torri (parti ta' fuq fejn hemm il-ħwienet u stabbilimenti kummerċjali). Is-Sur Sammut qal li issa li l-Kunsill għandu l-permess tat-TM dwar din il-posta ta' loading/unloading bay għandu jipproċedi b'laqgħa pubblika ma dawn il-ħwienet/stabbilimienti kummerċjali sabiex jiġi stabbilit fejn l-aħjar issir din il-posta.

Saret diskussjoni fejn intqal li l-Kunsill diġa kiseb l-informazzjoni dwar in-natura tal-kummerċ ta' kull stabbiliment u għalhekk ma kellux bżonn li jerġa jagħmel din il-laqgħa li kienet sejra tikseb l-istess informazzjoni li diġa għandu l-Kunsill. Ġie deċiż li din il-posta ta' loading/unloading bay issir quddiem biċċa art mhux mibnija biswit il-ħwienet sabiex b'hekk ma jkunx hemm lok ta' xi konflitt.

b. Skemi dwar l-isports ġewwa il-Gudja għas-sena 2012/2013. Is-Sur Sammut qal li bħal snin oħra l-Kunsill kien qed jagħmel l-arranġamenti dwar dawn l-iskemi u li fehmu tintuża l-iSkola Primarja tal-Gvern kif ukoll il-grawnd u kumpless sportiv tal-Gudja United FC.

F'dawn l-arranġamenti mal-Kunsill Malti għall-Isport jieħdu sehem tfal mill-iskola Primarja tal-Gudja, tfal mill-iskola St. Joan Antide gewwa l-Gudja kif ukoll tfal oħra li jmorru fl-iskola sekondarja San Benedittu.

Is-Sur Sammut qal li qed issiru arranġamenti sabiex ikun hemm programm ta' sport for all f'għaxar lezzjonijiet ta' siegħa u nofs il-waħda u dan issir fil-ground tal-Gudja FC u b'hekk il-Kunsill ikun qed juża siegħat skond il-ftehim li l-Kunsill għandu mal-Gudja FC.

Il-Kunsill qabel li jkunu parteċipi mal-KMS u li jagħmel il-finanzjamenti fuq l-istess bażi bħal ma għamel fis-snin preċedenti.

2.3.2 Osvaldo Pace

a. Laqgħat taż-żgħażagħ fil-Kunsill. Is-Sur Pace qal li fil-Gudja kien qed jiġi ffurmat Grupp ta' żgħażagħ ta' bejn is-16 il-sena u l-25 sena u li għandu l-għan li jagħmlu policy papers u xogħol bħal per eżempju dak mal-anzjani, xogħol volontarju u li jkunu jistgħu jagħtu pariri siewja f'dawn l-oqsma li jgħinu lill-Kunsill fid-diversi oqsma tal-ħidma tiegħu. Saret diskussjoni dwar li l-Kunsill seta' biss jassoċja ruħu fil-ħolqien ta' sotto kumitat kif provdut fil-liġi.

F'dan l-istadju s-Sur Pace irtira kopja tal-istatu dwar dan il-grupp u qal li kien sejjer jinforma lil dan il-grupp li l-Kunsill ma kienx jixtieq li jassoċja ruħu miegħu.

2.3.3 Anthony Dalli

a. Parking fi Triq William Baker. Is-Sur Dalli qal li kien ġie avviċinat minn Ms. Mary Attard li għandha bżonn speċjali ta' parking. Il-Kunsill

qabel li jikkonsidra din it-talba kif jixraq u li għandu jinforma lill Ms. M. Attard dwar dan.

**NB:-** Fit-8.10pm is-Sur Baldacchino talab li jiġi skużat peress li kellu impenji oħra familjari.

***Sospensjoni tal-Agenda***

F'dan l-istadju s-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel sabiex issir sospenzjoni tal-agenda u li jiġu trattati l-finanzi.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €31.93 u €27.71 għax-xhur ta' Awwissu u Settembru 2012 kif ippreżentat mill-Kunsill.

8.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2012 għas-somma totali ta' €19910.98 ġie approvata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

8.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill qabel u approva dawk ix-xogħlijiet u xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti.

**9.0 Għeluq tal-laqgħa**

9.1 Aġġudikament tat-tender dwar is-sinjali tat-traffiku (tender number 09/12) Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li jitlob lill-Perit William Lewis sabiex jagħmel rapport u ananliżi dwar l-offerti li kien irċieva l-Kunsill dwar dan is-servizz.

Il-Kunsill qabel ukoll li malli jirċievi dan ir-rapport u analiżi jkun jista jieħu deċiżjoni u jipproċedi dwar il-kuntratt ma min ikun għamel l-aħjar offerta fl-interess tal-Kunsill.

***Aġġornament***

Is-Sindku aġġorna l-laqgħa fid-8.45p.m. u ġie aġġornata għat-Tlieta 30 t'Ottubru 2012 fis-5.45p.m. sabiex tkompli fuq l-agenda li diġa ġiet iċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________